

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Renfro Corp. (Mount Airy, l-Istati Uniti tal-Amerika) (rappreżentanti: C. Schenk, M. Best, U. Pfleghar u S. Schäffner, avukati)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Mejju 2014 (Każ R 1859/2013-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn provima Warenhandels GmbH u Renfro Corp.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) provima Warenhandels GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 339, 29.9.2014.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-25 ta' Frar 2016 – Musso vs Il-Parlament

(Kawżi Magħquda T-589/14 u T-772/14)<sup>(1)</sup>

*("Skema pekunjarja tal-membri tal-Parlament — Pensjoni tal-irtirar — Obbligu tal-membri tal-Parlament Franċiżi li jsostnu d-drittijiet tagħhom għall-pensjoni fi ħdan l-iskemi nazzjonali — Regoli ta' kontra l-kumulazzjoni — Miżuri ta' applikazzjoni tal-Istatut tal-membri tal-Parlament — Deċiżjoni adottata wara l-proċedura ta' ilment — Nota ta' debitu — Deċiżjoni ta' sospensjoni tal-ħlas tal-pensjoni — Prinċipju ta' kontradittorju — Terminu raġjonevoli — Obbligu ta' motivazzjoni")*

(2016/C 118/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: François Musso (Ajaccio, Franza) (rappreżentanti: A. Gross u L. Stachnik, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: G. Corstens u S. Seyr, aġenti)

## Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-uffiċċju tal-Parlament tas-26 ta' Ġunju 2014 dwar il-konferma tad-deċiżjoni tas-segretarju ġenerali tal-Parlament tas-17 ta' Ottubru 2011 li permezz tagħha ġie stabbilit l-ammont mensili tad-drittijiet tal-pensjoni, b'kunsiderazzjoni tal-ammonti miġbura minn żewġ fondi tal-pensjoni Franċiżi, u ġie deċiż li kien hemm lok li jiġi rkuprat l-ammont ta' EUR 127 065,19 u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-22 ta' Settembru 2014.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda.

2) François Musso għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 351, 6.10.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' 25 ta' Frar 2016 – Puma vs UASI – Sinda Poland (Rappreżentazzjoni ta' animal)**

(Kawża T-692/14) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva li tirrappreżenta animal — Trade marks internazzjonali figurattivi preċedenti li jirrappreżentaw puma — Raġuni relativa għal rifjut — Xebħ tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 118/32)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. González-Bueno Catalán de Ocón, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Sinda Poland Corporation Sp. z o.o. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentanti: M. Siciarek, J. Rasiewicz u J. Mrozowski, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tal-14 ta' Lulju 2014 (Każ R 2214/2013-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Puma SE u Sinda Poland Corporation sp. z o.o.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-14 ta' Lulju 2014 (Każ R 2214/2013-5) hija annullata.
- 2) L-UASI huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, nofs dawk ta' Puma SE, inklużi l-ispejjeż indispensabbi esposti minn Puma għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI.
- 3) Sinda Poland Corporation sp. z o.o. hija kkundannata tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, nofs dawk ta' Puma, inklużi l-ispejjeż indispensabbi esposti minn Puma għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI.

<sup>(1)</sup> ĠU C 409, 17.11.2014.